MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 872/2009

**Sergio Sciberras (ID 96071M)**

**-vs-**

**Anton Abela (ID 238673M) u Maruska Abela (ID 467973M)**

**Il- Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat presentat fis-7 ta’ Settembru 2009 li testwalment ighid hekk -

“ 1. Illi r-rikorrenti jiggestixxi negozju ta’ bejgh u distribuzzjoni ta’ merkanzija lil negozji ohra, u wiehed minn dawn in-negozji li kien jissupplixxi kien dak gestit mill-intimati li kellhom hanut fejn kienu jinbieghu detergenti u prodotti ta’ l-istess generu ;

2. Illi peress li l-intimati kellhom jaghtu somom sostanzjali lir-rikorrenti rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha lilhom, fit-12 ta' Settembru 2006 l-intimat iffirma skrittura privata (kopja annessa bhala Dokument A) fejn gie rikonoxxut illi f'dak iz-zmien is-somma dovuta lir-rikorrenti kienet ta' tlieta u tletin elf u hamsa u disghin liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 33,095.94) fuq liema somma kellhom jiddekorru wkoll imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena ;

3. Illi l-intimati m'osservawx l-obbligu assunt fl-imsemmija skrittura privata sabiex ihallsu s-somma dovuta lir-rikorrenti permezz ta' pagamenti ta' mitejn lira Maltin (Lm 200) fil-gimgha, u minkejja li f'xi zminijiet saru xi pagamenti, ir-rikorrenti ghad baqghalu jithallas is-somma ta' wiehed u hamsin elf erba' mija disgha u sittin Ewro u tletin centezmu (€51,469.30) ekwivalenti ghal tnejn u ghoxrin elf u hamsa u disghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm22,095.77) ;

4. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmi bilanc lir-rikorrenti huma baqghu inadempjenti ;

5. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-Artiklu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) *stante* li dan il-kreditu ta' wiehed u hamsin elf erba' mija disgha u sittin Ewro u tletin centezmu (€51,469.30) huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont ;

6. Illi Sergio Sciberras jaf b'dawn il-fatt personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ighidu l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna –

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ;

2. Tiddikjara lill-intimati veri, ceri u likwidi debituri versu r-rikorrenti fis-somma ta' wiehed u hamsin elf u erba' mija u disgha u sittin Ewro u tletin centezmu (€51,469.30) ;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu minnufih lir-rikorrenti s-somma ta' wiehed u hamsin elf u erba' mija u disgha u sittin Ewro u tletin centezmu (€51,469.30) bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur kif ukoll id-dokument esebit mar-rikors mahluf.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti presentata fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2009.

Peress li l-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet attrici gew debitament ippruvati.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' bis-shih it-talbiet tal-attur kif dedotti kontra l-konvenuti, bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kif mitluba jithallsu wkoll mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------